# 1 ta' Marzu, 1958

## Imħallef:—

## Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.

Giorgio Cardona

*versus*

Paola Cardona

## Separazzjoni Personali — Awtorizzazzjoni tas-Sekond'Awla — Art. 44(1) tal-Kodiċi Ċivili.

*Jekk il-konvenut f'kawża ta' separazzjoni personali jagħmel huwa wkoll kawża ta' separazzjoni personali kontra l-konjuġi attur fil-kawża l-oħra, jeħtieġlu huwa wkoll l-awtorizzazzjoni preventiva tas-Sekonda'Awla b'ex jistitwixxi dak il-ġudizzju.*

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li teżiġi din l-awtorizzazzjoni preventiva hija konċep'ta f'termini assoluti, li jirrigwardaw kull talba għas-separazzjoni personali, bla ebda distinzjoni jekk tkunx l-ewwel jew xort'oħra, u jekk tkunx diġà ġiet pronunzjata separazzjoni, personali bejn dawk il-konjuġi; u ebda konsiderazzjoni ta' indoli prattika jew ekonomika, f'materja mbgħad hekk grav', ma tista' tiswa biex tiġi kreata eċċezzjoni li fill-liġi ma teżistix.*

*Għaldaqstant, jekk il-konjuġi jagħmel kawża ta' separazzjoni kontra l-konjuġi l-ieħor mingħajr ma jkun ottjena din l-awtorizzazzjoni, dik il-proċed'ment huwa null, avvolja ġa tkun teżisti separazzjoni personali bejn dawk il-konjuġi; u din in-nullità, mħabba fil-kwalità tagħha ta' ordni publiku, hija sollevabbl: mill-Qorti "ex officio".*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, billi b'sentenza ta' dil-Qorti tat-18 ta' Ottubru 1929, fil-kawża bejn l-istess partijiet imma bl-ismijiet maqlubin, il-konvenuta otteniet is-separazzjoni personali mill-attur, li kien ġie kundannat iħallas lill-istess konvenuta retta alimentarja ta' 1s. 3d. kulljum għaliha u għal tliet uliedha minuri; u premess illi l-konvenuta kienet tgħix ma' u mantnuta minn ċertu Spiru Cassar li ilu mej-

jet minn dak iż-żmien; talab illi, prevja d-dikjarazzjoni illi hija rrendiet ruħha ħatja ta' adulterju u ngurji gravi versu lejh, tiġi dikjarata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għall-ħtija tal-konvenuta, u li jiġi dikjarat u deċiż illi l-istess konvenuta ddekadiet mid-dritt ta' manteniment mill-attur, li għalhekk ma għandux jagħti l-alimenti lill-konvenuta ordnati mill-imsemmija sentenza tat-18 ta' Ottubru 1929. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

B'sentenza ta' dil-Qorti tat-18 ta' Ottubru 1929 il-konvenuta otteniet is-separazzjoni personali mill-attur minħabba sevizji, eċċessi u ngurji gravi, u l-kundanna tiegħu għall-ħlas, għaliha u għal uliedha, ta' pensjoni alimentarja ta' xelin u tliet soldi kulljum. L-attur qiegħed issa jitlob li tiġi dikjarata s-separazzjoni personali mill-konvenuta minħabba f'adulterju u ngurji gravi da parti tagħha, u li jiġi dikjarat li hija ddekadiet mid-dritt ta' manteniment mill-attur ordnat bis-sentenza riferita;

L-azzjoni preżenti, bil-forma taċ-ċitazzjoni, ma ġietx preċeduta mill-awtorizzazzjoni tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja;

Ikkunsidrat;

L-art. 44(1) tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi illi "ebda waħda mill-persuni miżżewġin flimkien ma' tista' tagħmel kontra l-oħra kawża għall-firda quddiem il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Kontenzjuża mingħajr ma tkun ġiet lilha mogħtija s-setgħa mill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja; iżda din is-setgħa għandha dejjem tingħata meta l-kelma tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja għat-tiswija tal-partijiet ma tiġix mismugħa";

L-awtorizzazzjoni preventiva biex tista' tiġi proposta d-domanda ta' separazzjoni personali hija ntiża biex, għarraġunijiet gravi ta' ordni publiku, il-konjuġi jkunu jistgħu jirriflettu fuq il-konsegwenzi tas-separazzjoni, u jiġu

mħajra jirrikonċiljaw ruħhom. Il-liġi tissottometti lil kull wieħed mill-konjuġi, li jkun irid jagħmel kawża għall-firda, għall-awtorizzazzjoni preliminari, mingħajr ebda distinzjoni jekk huwa jkunx diġà konvenut f'kawża ta' separazzjoni personali, jew jekk bejnu u l-konjuġi l-ieħor tkunx diġà ġiet pronunzjata s-separazzjoni personali;

Fid-dottrina taljana ġiet investita l-kwistjoni jekk, fil-każ ta' domanda rikonvenzjonali, ċjoè fil-każ li l-konvenut jitlob anki hu s-separazzjoni personali, ikunx meħtieġ l-esperiment tar-rikonċiljazzjoni bħal fil-każ tad-domanda prinċipali. L-istess kwistjoni ġiet investita fid-dottrina franċiża, sew għall-każ ta' divorzju, sew ta' separazzjoni personali;

Il-Professur Federico Ciccoglione (Digesto Italiano, Separazione Personale, nri. 110, 11) jgħid hekk:— "Nè a noi sembra che debba procedersi allo sperimento della conciliazione quando la domanda di separazione è presentata in linea riconvenzionale dal coniuge convenuto contro il coniuge attore in giudizio di separazione personale. E la ragione di questo nostro modo di vedere appare chiara quando si consideri che già, in seguito alla domanda principale del coniuge attore, si fecero dal presidente del tribunale i tentativi per riconciliare i due coniugi e senza risultato. Ripetere l'esperimento quando il giudizio è già inoltrato, quando la lotta giudiziaria ha inasprito maggiormente i coniugi, quando la impossibilità della coabitazione risulta più chiara ed evidente dalla domanda riconvenzionale presentata dal convenuto, sarebbe cosa vana, che, contro l'economia dei giudizi, menerebbe a spreco di tempo e di spese, e ad allungare un periodo di incertezze, di palpiti, e spesso di ire e di odii per i coniugi separandi. E' vero che gli articoli 806 e seguenti non fanno alcuna eccezione, ma è vero pure che quegli articoli contemplano il caso ordinario della separazione in via principale, e non quello della stessa domanda in linea riconvenzionale. Nè potrebbe dirsi che non si possa tale domanda presentare in linea riconvenzionale; perchè il procedimento per le cause di separazione personale, tolte le disposizioni degli articoli 806 e seg. del Codice di Procedura Civile, è l'ordinario, e quindi la domanda in linea riconvenzionale non viola alcuna disposi-

zione processuale. D'altronde, le norme speciali dettate dal nostro legislatore per le domande di separazione personale hanno degli scopi che già, nel caso di domanda in linea riconvenzionale, sono stati raggiunti, dappoichè si è tentato l'esperimento di riconciliazione senza che questa siasi ottenuta, e già il presidente ha emesso le disposizioni ed i provvedimenti temporanei che abbia ritenuti urgenti nell'interesse del coniuge e della prole";

F'dan il-bran, il-kommentatur għandu quddiemu l-art. 806 et seq. tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Taljan tal-1865. Id-diċitura tal-art. 806 hija hekk:— "Il coniuge che vuol domandare la separazione personale deve esibire alla cancelleria del tribunale competente il suo ricorso, esprimendo i fatti che possono darvi luogo, coi documenti giustificativi . . . . ."; u l-art. 808 ta' dak il-Kodiċi jiddisponi illi "il presidente deve avanti tutto sentire separatamente l'uno e l'altro coniuge, e fare in seguito ad amendue le rimostranze che creda atte a riconciliarli . . . . . ";

Quddiem il-kliem ta' dawk l-artikoli, l-imsemmi kommentatur ikkonkluda li għad-domanda rikonvenzjonali ma jkunx meħtieġ l-esperiment tar-rikonċiljazzjoni, għax deherlu li jkun inutili; u kkonkluda li l-Liġi Taljana qegħedha tikkontempla biss l-ipotesi tal-ewwel domanda;

Fid-dottrina franċiża, Demolombe (Corso del Codice Civile, Vol. 2, parag. 857), jgħid hekk fuq din il-kwistjoni:— "Nulladimeno, non adotto l'opinione la quale vuole sottoporre all'applicazione degli articoli 875 et seq.-953 et seq. del Codice di Procedura la dimanda riconvenzionale di separazione formata dal coniuge convenuto (Massol, p. 96 u 3). Il che equivale, in altri termini, a ricusare a questo coniuge la facoltà di dimandare riconvenzionalmente la separazione personale; or sembrami che questa facoltà, la quale nasce in lui dal diritto comune, è d'altronde moltissimo equa. Non è questa forse di fatti una specie di difesa all'azione principale? (arg. dagli art. 48, 49 C. Proc.). L'articolo 875-953 del Codice di Procedura non ha al certo previsto se non l'ipotesi di una prima domanda formata ad uno dei coniugi contro l'altro; ed in verità, che cosa potrebbero sperare oggi che la lite è flagrante da un novello

esperimento di conciliazione fra quei coniugi che non si siano potuti conciliare prima della domanda?";

L-artikolu 48 riferit mill-kommentatur jiddisponi li ebda "demande principale", magħmula minn partijiet kapaċi li jittransiġu, u fuq materja li tista' tifforma oġġett ta' transazzjoni, ma tista' tiġi proposta mingħajr il-proċedura preventiva għar-rikonċiljazzjoni quddiem "le juge de paix". L-artikolu 49 jistabbilixxi l-eżenzjonijiet minn dil-proċedura;

Baudry-Lancantinerie u Planiol Ripert jinvestu l-kwistjoni preżenti b'riferenza għall-art. 239 al 3 tal-Kodiċi Ċivili Franċiż; liema artikolu jirriferixxi għad-divorzju, u jiddisponi illi domandi rikonvenzjonali jistgħu jiġu ntrodotti b'sempliċi "acte de conclusions". Bl-art. 307 ta' dak il-Kodiċi dik id-dispożizzjoni hija applikabbli għas-separazzjoni personali. Jgħid Baudry (Diritto Civile, Vol. 11, p. 85:— "L'articolo 239 al 3 tronca la quistione che si era sollevata in proposito. Esso decide che si possa applicare il diritto comune, secondo il quale le domande riconvenzionali possono essere proposte con semplice atto di procuratore a procuratore . . . . . La soluzione contraria trionfava nella dottrina". U Planire (Droit Civil Francais, Vol. 11, p .465) :— "La demande reconventionelle venaut se greffer sur le proces en divorce dejà entamé, le législateur a estimé inutile de procéder a una seconde tentative de conciliation que ferait double emploi avec la premiere et n'aurait pas plus de chance de succés. L'article 239 al 3 decide donc qu'elle feut etre introdeiete par un simple acte de conclusions comme c'est la regle dans les affaires ordinaires";

Laurent jeżamina l-kwistjoni b'dal-mod (Diritto Civile, Vol III, par. 343, p. 337) :— "La domanda riconvenzionale proposta in prima istanza dà luogo ad una difficoltà sulla quale la giurisprudenza è assai scissa. E' d'uopo che venga preceduta dal tentativo di riconciliazione prescritto dal codice di procedura, 875-878? Vi ha una ragione di dubitare. Le domande incidentali sono formate da un semplice atto, e dispensate per conseguenza dal preliminare di riconciliazione. Ora, la domanda di separazione in causa di

separazione non è una domanda incidente? D'altronde, il tentativo di riconciliazione prescritto dal codice di procedura non tiene luogo del preliminare di conciliazione innanzi al giudice di pace? Noi ammettiamo che la domanda riconvenzionale è incidente; vuol dire ciò che la si possa proporre per semplice atto secondo il diritto comune (Codice di Proced. art. 337)? Il vero nodo della difficoltà è nel tentativo di riconciliazione che deve precedere la domanda di separazione. E' vero che essa ha il medesimo carattere che i preliminari di conciliazione innanzi al giudice di pace cui sono sottomesse la azioni ordinarie? Non si ha che a leggere l'articolo 48 del codice di procedura per convincersi del contrario. Perchè vi sia luogo a questo preliminare, bisogna che le parti siano capaci di transigere, e che l'obbietto del litigio possa essere la materia di una transazione. Si tratta dunque, innanzi al giudice di pace, di transigere sovra interessi pecuniari. Forse tale è altresì lo scopo dell'intervento del presidente quando un coniuge domanda la separazione personale? No, certo; non si transige sul matrinonio, che è essenzialmente di ordine pubblico. Così, secondo il diritto comune, la domanda di separazione non sarebbe stata neppure sottomessa al preliminare di conciliazione. Se dunque la legge vuole che i coniugi si presentino davanti al presidente, egli è per altre ragioni, delle ragioni ben più gravi, delle ragioni di ordine pubblico. Il legislatore vuole che la separazione di corpo sia impedita, perchè nel fatto essa ha gli effetti disastrosi del divorzio. Si tratta dunque di mantenere il matrimonto nell'interesse dei figli, nell'interesse della famiglia, nell'interesse della società tutta intera. Quindi bisogna che ogni domanda di separazione sia assoggettata a questo tentativo di conciliazione. Ora, la domanda riconvenzionale, per quanto fatta incidentalmente, è in realtà una domanda principale, poichè essa ha il medesimo obbietto e i medesimi effetti. Si obbietta che questo tentativo di conciliazione è inutile, poichè entrambi i coniugi han dovuto presentarsi davanti al giudice e il tentativo di conciliazione è svanito. Se ne conclude che l'articolo 875 non riceve la sua applicazione che alla prima domanda. Ma non si può dire 'a priori' che un nuovo tentativo di conciliazione è inutile perchè il pri-

mo non è riuscito. Nell'istanza di divorzio la legge moltiplica i tentativi di conciliazione; essa non dispera, neanche dopo ripetuti rifiuti, di riunire i coniugi. V'ha d'altronde un fatto nuovo, la domanda del convenuto, che può dar a riflettere all'attore, poichè v'ha a trovarsi esposta agli effetti che la separazione produce contro il coniuge colpevolle. Dopo tutto, la considerazione dell'utilità o dell'inutilità del tentativo di conciliazione s'indirizza al legislatore, e non all'interprete. La legge ha deciso, poichè l'articolo 875 non distingue; esso si applica ad ogni coniuge che vuol procedere in causa di separazione personale. Per dispensare il coniuge da questo tentativo di conciliazione, vi abbisognerebbe un testo che facesse eccezione a quest'articolo";

Il-Qorti għamlet dawn ir-raffronti għal kull riferenza fil-kawża għad-dottrina taljana u franċiża fil-kwistjoni preżenti; liema dottrina għandha bħala sfond id-dispożizzjonijiet partikulari tal-liġi li għaliha tirriferixxi;

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti, kif presjeduta, hija tal-opinjoni illi fill-Liġi Maltija l-projbizzjoni stabbilita fl-art. 44(1) tal-Kodiċi Ċivili lil kull wieħed mill-konjuġi li jagħmel domanda għas-separazzjoni personali mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja hija konċepita f'termini assoluti, li jirrigwardaw kull talba għas-separazzjoni personali, bla ebda distinzjoni jekk tkun l-ewwel jew xort'oħra, u jekk tkunx diġà ġiet pronunzjata separazzjoni personali; u illi ebda konsiderazzjoni ta' indoli prattika u ekonomika, f'materja mbgħad hekk gravi, ma tista' tiswa biex tiġi kreata eċċezzjoni li fill-liġi ma teżistix;

"Interest reipublicae" illi tiġi evitata d-disgregazzjoni tal-familja u li ma jaggravawx ruħhom il-konsegwenzi tal-firda tal-miżżewġin, u dawk tal-istess riżultanzi tal-proċess fuq il-konjuġi u fuq it-tfal. Din ir-riflessjoni għandha piż akbar fl-ipotesi ta' pronunċjat ta' separazzjoni fuq eċċessi jew sevizji li jkun segwit minn talba għas-separazzjoni fuq adulterju. Fl-opinjoni tal-Qorti, ebda konsiderazzjoni ta' karattru utilitarju, ta' ħela ta' ftit żmien u spejjeż, ma

tista' tiswa biex b'ġudizzju "a priori" titwarrab il-possibbiltà ta' rikonċiljazzjoni jew deżistenza mid-domanda; liema possibbiltà tkun tiddependi miċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ konkret;

Lanqas ma jista' jiġi obbjettat illi, fil-każ ta' pronunċjat preċedenti ta' separazzjoni personali, il-Qorti, bl-esperiment tar-rikonċiljazzjoni, tkun qegħdha tinjora d-dritt diġà mogħti lil kull parti li tgħix separata; għax b'dan l-esperiment ulterjuri jkun biss qiegħed isir tentattiv ieħor ta' rikonċiljazzjoni biex, almenu, ma jaggravawx ruħhom il-konsegwenzi tal-ewwel separazzjoni;

Ikkunsidrat;

Il-proċedura stabbilita fl-imsemmi art. 44 hija miżura ta' ordni publiku, imposta mhux tant fl-interess tal-konjuġi, parti fil-kawża, kemm f'dak tas-soċjetà kollha; u għalhekk l-inosservanza ta' dik il-proċedura ġġib magħha n-nullità tal-proċediment; liema nullità, mħabba fil-kwalità tagħha ta' ordni publiku, hija sollevabbli mill-Qorti "ex officio";

Għal dawn il-motivi;

Tiddikjara "ex officio" illi, peress li l-azzjoni preżenti ma ġietx preċeduta mill-awtorizzazzjoni tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja kif jirrikjedi l-art. 44 tal-Kodiċi Ċivili, l-istess azzjoni ma setgħetx tiġi proposta, u l-proċediment huwa null;

U għalhekk tillibera lill-konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju;

L-ispejjeż, minħabba fl-indoli tal-kwistjoni, jibqgħu mingħajr taxxa; id-dritt tar-Reġistru jitħallas mill-attur.